MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 76/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian Joseph Abdilla)**
**Vs**
**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 t'April, 2006 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

a) irċieva mingħand xi ħadd ieħor jew ħsieb minn għand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw lilu jew lil oħrajn b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-Liġi u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 298C tal-Kap 9;

b) fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, bl-imġiba tiegħu, ikkaġuna lil ħaddieħor biża’ li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta’ tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien u bniet jew xi persuna oħra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 251B tal-Kap 9;

ċ) fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, hedded lil Glenn Debattista b’liema theddid , wkoll jekk bil-fomm, kien hemm ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 249(2) tal-Kap 9;

d) fl-istess lokalitajiet u ċirkostanzi, bla ħsara għal kull dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali applikabbli għall-użu ta’ armi tan-nar, fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna; jew fil-ħin li ġie arrestat għall-għemil ta’ xi delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u dan bi ksur tal-aritkolu 26 tal-Kap 66 u l-artikolu 18 tal-Kap 9;

e) nhar il-21 t’April, 2005 fil-Furjana kellu f’idejh jew fuqu sikkina ta’ kull xorta lit kun b’xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta u cioe’ mus mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

f) B’hekk l-imputat sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Frar, 2010, li biha,  wara li rat l-artikoli 17(f), 18, 28A, 298C(1), 251(B), 242, 49 u 50 tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikoli 26 u 13 tal-Kap. 66 li kien vigenti fiz-zmien indikat fic-citazzjoni sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni mmarkata (a), illiberatu mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni (immarkati (b) u (c), ma sabitux hati u lliberatu tal-imputazzjoni (d) (e) u mill-addebitu tar-recidiva (immarkat (f)) u kkundanntu ghal piena ta’ prigunerija ta’ ghaxar xhur li ghandhom jibqghu

sospizi ghal tliet snin jekk kemm-il darba ma jwettaqx xi reat matul il-perjodu operattiv u ghall-hlas ta’ multa komplessiva ta’ €1200. Il-multa tista’ tithallas b’rati ta’ €100 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erbgha gimghat. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ xi pagament, il-bilanc jithallas f’daqqa. Jekk il-multa jew parti minnha ma tithallasx, il-parti mhux imhallsa tinbidel skond il-Ligi f’jiem ta’ prigunerija.
Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba’, l-hames u s-sitt imputazzjoni, thassaraha w tirrevokaha in kwantu fejn sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u ghar-ragunijiet suesposti, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issibu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiemha, w konsegwentement jilment illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

Jidher illi kemm il-prosekuzzjoni u kemm il-Qorti sejset il-kaz taghha esklussivament fuq il-verzjoni ta’ Glenn Debattista. Ghalkemm hu veru li xhud wiehed, jekk emnut hu bizzejjed biex jaghmel prova shiha, pero’ fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, tenut kont anke ta’ l-emenda ricenti rigward korroborazzjoni, li Qorti toqghod fuq tali xiehda la hu safe u lanqas satisfactory.

L-Ewwel Qorti qatt ma setghet wasslet ghall-prova rikjesta mill-ligi u cioe’ dik ta’ bla dubbju dettat mir-raguni, fuq ix-xhieda ta’ Glenn Debattista. Ghalkemm xhud wiehed jekk

emmnut hu bizzejjed biex tinstab htija wiehed jrid joqghod ferm attent, specjalment meta ix-xhud jiddeponi b'certu mod, huwa persuna b'fedina penali refrettarja li mhux l-ewwel darba illi rraporta nies u wara tressqu l-Qorti dejjem fuq akkuza ta' uzura. Jidher car illi l-parti leza hija persuna illi l-ewwel tissellef il-flus f'ammonti kbar, umbaghad meta tigi biex thallas id-dejn li tkun ghamlet, thossha maghfusa, u tmur tirraporta allegat kaz ta' uzura, biex b'hekk tipprova tiffranka li thallas dak li huwa dovut.
Illi ghalhekk, fl-umli fehma ta' l-appelklant (apparti dak suespost) ix-xhieda ta' Glenn Debattista m'hix attendibbli u dan ghal diversi ragunijiet.

Fix-xhieda tieghu Debattista ma kien kowerenti xejn, u din hija prova cara w inekwivoka tal-fatt illi dan ix-xhud ma kienx qed jghid is-sewwa. Bizzejjed illi wiehed jara d-deposizzjoni tieghu.

Fil-konsiderazzjoniet taghha l-Ewwel Qorti ttenni illi huwa normali illi self illegali ma jkunx kopert bi skrittura. Jigi umilment rilevat illi l-punt kollu illi dejjem qajmet id-difiza ta' l-appellant, ma kienx illi l-prova tas-self ma saritx ghax ma kienx hemm skrittura, izda biss illi x-xhud Debattista m'huwa xhud kredibbli xejn, ghax lanqas l-iskrittura illi jghid illi kien hemm ma prezenta. Inoltre, ghas-self l-iehor, li ghalih taghmel referenza l-Ewwel Qorti, u fil-fatt tghid illi tara pattern ta' self, dejjem kien sar xi haga bil-miktub bejn il-partijiet.

Jerga jinghad illi ghalkemm kien dritt ta' l-appellant illi jibqa sieket, u ma jixhidx huwa ghazel illi jiddepona. Kien xhud konsistenti, u dak illi qal, minn natura tieghu, jidher illi aktar ghandu mis-sewwa minn dak illi qal ix-xhud. Inoltre, x-xhieda tieghu hija kkorroborata minn dik ta' Rachael Schooling.

L-Ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, taghmel ukoll accenn ghal fatt illi mhux temmen lill-appellant, meta jghid illi huwa kien issellef bi pjacir. Jidher ghalhekk illi l-Qorti skartat ix-xhieda ta' l-appellant, u anke tal-partner tieghu Rachael Schooling, u jidher illi naqset milli tezamina bir-reqqa dak illi xehdu, fil-fatt fix-xhieda taghhom quddiem l-

Ewwel Qorti, t-tnejn li huma jsemmu illi l-parti leza kellu jaghti xi vetturi lill-appellant bhal korrispettiv ghal dan is-self. Debattista, da parti tieghu, anke karozzi b'xejn kien jikrilu lill-appellant – fatt illi huwa stess ikkonferma meta xehed. Kemm jista' jitwemmen Debattista, illi jikri vetturi b'xejn lill-appellant, meta huwa jhallas dobbju u iktar ta' somma flus illi kien jissellef minghandu? Huwa kemm xejn inverosimili illi taghti b'xejn xi haga lil xi hadd, illi allegatament qed jaghmel dak il-gwadann kollu minn fuqek.
Fatt illi kemm il-parti leza, u kemm l-appellant jaqblu dwaru, hija l-fatt illi kienet xi haga normali illi l-appellant isellef il-flus lil parti leza. Fil-fatt, Debattista stess fid-deposizzjoni tieghu jghid illi kien ilu madwar ghaxar snin jissellef il-flus bl-uzura minghand l-appellant. Jghid illi ghas-self li kien jaghmel kien ikollu jhallas dobbju. Kemm hu kredibbli x-xhud illi kien jissellef dawn il-flus kollha, b'uzura daqshekk gholja, ghal perjodu daqshekk twil ta' zmien?

Ikkunsidrat :

L-argument principali tal-appellant kien li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija biss fuq ix-xiehda ta' Glenn Debattista, peress illi dina kienet nebuluza, ma kienx car fid-dikjarazzjonijiet tieghu u lanqas jiftakar l-ammonti li allegatament issellef minn ghand l-appellant.

Minn naha l-ohra, l-appellant xehed illi huwa sellef flus bi pjacir ghad illi ammetta li rrcieva zewg karozzi bhala korrispettiv.

Gie allegat illi Glenn Debattista ghamel ir-rapport lill-Pulizija biex jahrab mill-obbligazzjoni tieghu li jrodd lura dak li kien issellef lill-appellant.

Ikkunsidrat :

Jidher hawnhekk illi z-zewg xhieda principali f'din il-kawza huma l-appellant stess u Glenn Debattista fejn jaghtu verzjonijiet konfliggenti ta' dak li verament gara bejniethom.

Il-Qorti pero` taghmilha cara illi mhux kull konflitt fil-provi jwassal ghall-liberatorja. Jekk il-Qorti hija konvinta illi verzjoni hija aktar verosimili minn ohra allura tista' liberament toqghod fuq dik ix-xiehda jekk twassal ghal konvinciment morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Dan huwa proprju li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Minn ezami akkurat tas-sentenza, wara li gew evalwati l-provi l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi hija "konvintissima li l-imputat tassew kien qed jitlob imaxx li jisboq dak permess mill-ligi......"

Fl-istadju tal-appell il-Qorti ma jkollhix l-emozzjonijiet u d-dehra tal-kawza kif ikollha quddiemha fl-ewwel stadju meta qed tara n-nies jixhdu viva voce u tista` tqis l-imgieba w il-karattru u jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa.

Ghalhekk f'dan l-istadju, l-Qorti tal-Appell trid tara biss jekk l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli u legali fil-konkluzzjoni taghha.

Gie ribadit diversi drabi minn din il-Qorti illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Fi kliem iehor, l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha (Il-Pulizija vs Carmelo Schembri 28-04-1995).

Din il-Qorti ghamlet dana l-apprezzament approfondit u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli u legali fil-konkluzzjonijiet taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------